MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 42/2004

**Franco Borg**

**vs**

**Teddie Xerri**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Illi l-konvenut xtara sett tal-kamra tas-sodda minghand l-attur bil-prezz ta’ elf, mitejn u tletin lira Maltija (Lm1230).

Illi fl-erbgha u ghoxrin (24) ta’ April tas-sena elfejn u wiehed (2001) sar pagament (minn oht il-konvenut) tas-somma ta’ sitt mitt lira (Lm600) li gie segwit b’zewg pagamenti ohra mill-konvenut ta’ hamsin lira Maltija (Lm50) u mija u hamsin lira Maltija (Lm150) fil-15 ta’ Gunju 2001 u fil-15 ta’ Mejju 2002 rispettivament.

Illi ghalhekk ghadu dovut lill-attur is-somma ta’ erba’ mija u tletin lira Maltija (Lm430).

Illi ghalkemm gie interpellat diversi drabi u minkejja diversi weghdiet li kien ser ihallas, il-konvenut baqa’ ma hallasx dan il-bilanc.

Ghaldaqstant l-attur qed jitlob il-hlas ta’ dan il-bilanc flimkien ma’ l-imghax dovut minn Frar tas-sena elfejn u wiehed (2001) u l-ispejjes ta’ dawn il-proceduri u tal-ittri interpellatorja datati 2 ta’ Settembru 2002, 11 ta’ Marzu 2003 u tal-ittra ufficjali spedita f’April 2003.”

Ra l-kapitoli pprezentati mill-attur fis-seduta tat-13 ta’ Lulju 2004.

Ikkunsidra:

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta msemmija li fiha gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas ghal dik tal-lum, minghajr ma gab ebda raguni tajba ghan-nuqqas ta’ dehra tieghu;

U billi ma hemmx raguni l-ghala d-dikjarazzjonijiet ma jisthoqqilhomx li jkunu emmnuti u mittiehda bhala mistqarra;

Jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici kif dedotta fl-avviz tat-talba u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ghall-hlas ta’ LM430 bilanc ta’ prezz ta’ kamra tas-sodda lilu mibjugha u kkunsinnata bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri interpellatorji tat-2 ta’ Settembru 2002 u tal-11 ta’ Marzu 2003 kif ukoll tal-ittra ufficcjali spedita f’April 2003.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------